MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1644/1998/1

Joseph Oliver Ruggier proprio u in rapprezentanza tas-socjeta Ruggier Holdings co. Ltd
Vs
Oscedet  Limited
Il-Qorti;
Rat ic-citazzjoni li biha  l-attur proprio nomine wara li ppremetta:-
Illi l-kontraenti dahlu fi skrittura ta' lokazzjoni fit-3 ta' Ottubru, 1983, b'korrezzjoni datata 5 ta' Ottubru, I983, u b'aggunta datata 6 ta' Mejju, I986, kopji ta' liema skritturi qed jigu hawn annessi u markati bhala dokumenti A, B u C, rispetivament, rigwardanti l-fond, M4 Pharmachy fi Triq il-Ferrovija l-Antika, H'Attard u dan versu l-kera ta' Lm3.50 kulljum rivedibbli wara perjodi ta' hames snin u dan a abzi tal-minimum wage applikabbli fil-perjodu ta' revizjoni paragunt mal-minimum wage ta' dakinhar li kienet ta' Lm29.88c8 fil-gimgha u pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem;
Illi l-konvenuta baqghet moruza f'pagementi ta' hlas ta' kera avolja giet interpellata diversi drabi anke permezz ta' ittri ufficjali datati 26 ta' Settembru, I997, 29 ta' Jannar,

1998 u 2 ta’ Lulju, l998, biex sallum huma dovuti l-iskadenzi ta’ kera li ghalqu fil-1 ta’ Jannar, l997, l ta’ Lulju, l997, l ta’ Jannar, l998 u l ta’ Lulju, l998, relattivi ghal-prjodu bejn l-l ta’ Jannar, l997 sal-31 ta’ Dicembru, l998, fl-ammont ta’ tlett elef mija wiehed u tletin lira u sebghin centezmu (Lm3131.70) u cioe 730 gurnata (sentejn ikkalkulati bl-erba liri u disa u ghoxrin centezmu (Lm4.29) kulljum skond ir-rata miftehma kif gja fuq imsemmi;
Illi ghalhekk il-konvejuta hija moruza fl-istess hlas ta’ kera, u kisret il-kondizzjonijiet u l-obbligazzjonijiet minnha assunti fl-iskrittura privata ta’ lokazzjoni fit-3 ta’ Ottubru, l983, b’korrezzjoni datata 5 ta’ Ottubru, l983, u b’aggunta datata 6 ta’ Mejju, l986, u ghalhekk l-istess attur ghandu d-dritt jitlob r-rexxissjoni tal-istess kuntratt ta’ lokazzjoni kif stipulat fi klawsola l0 tal-istess skrittura tat-3 ta’ Ottubru, l983 gja reza effettiva permezz ta’ ittra gudizzjarja datata 26 ta’ Setttembru, 1997;
Talab ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-
1. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur l-ammont ta’ Lm3131.70) rapprezentanti l-iskadenzi ta’ kera li ghalqu rispetivament fl-1 ta’ Jannar, l997, l ta’ Lulju, l997, l ta’ Jannar, l998 u l ta’ Lulju, l998, relattivi ghal-perjodu bejn l-l ta’ Jannar, l997, sal-31 ta’ Dicembru, l998, kif premess, relattivi ghall-fond M4 Pharmacy fi Triq il-Ferrovija l-Antika, H’Attard kif fuq gja imsemmi;
2. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju lilha prefiss, tizgombra mill-fond M4 Pharmacy fi Triq l-Ferrovija l-Antika, H’Attard, previa okkorrendo dikjarazzjoni ta’ rexxissjoni tal-kuntratt ta’ lokazzjoni tat-3 ta’ Ottubru, l983, flimkien mal-iskrittura ta’ korrezzjoni u aggunta tieghu, u dan stante li l-konvenuta baqghet moruza fil-hlas tal-arretrati ta’ kera fl-ammont ta’ Lm3131.70, rapprezentanti l-iskadenzi fuq gja imsemmija relattivi ghal-perjodu bejn l-l ta’ Jannar, l997 sal-31 ta’ Dicembru, l998, li l-konvenuta naqset li thallas u dan kif stipulat fil-klawsola numru l0 tal-istess skrittura tal-5 ta’ Ottubru, gja reza effettiva permezz ta’ ittra gudizzjarja datata 26 ta’ Settembru, l997.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ 3 ittri gudizzjarji, u bl-imghax legali mill-iskadenzi risepttivi sal-effettiv pagament, u b’riserva ta’ kull azzjoni ghall-danni u arretrati ta’ kera,

kontra l-konvenuta li giet ingunta personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta li biha ammettiet it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;
Rat id-dikjarazzjoni tar-rapprezentanta tas-socjeta konvenuta kif registrata fil-verbal tas-seduta tallum li fiha Patricia Calabretta rapprezentant tas-socjeta konvenuta ikkonfermat illi ic-cwievet tal-fond in kwestjoni gew ritornati lis-socjeta attrici zmien ilu pero dana fil-mori tal-kawza;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta konvenuta l-ewwel talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;
Fuq ammissjoni tas-socjeta konvenuta tiddeciedi billi tilqa l-ewwel talba tas-socjeta konvenuta kif dedotta fic-citazzjoni u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba kif dedotta fic-citazzjoni stante li ic-cwievet tal--fond in kwestjoni gew ritornati lis-socjeta attrici zmien ilu.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kif mitluba kontra is-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------